# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt          Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 5/2023

24 ta' April, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera (b'mod virtwali) |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

## 5.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ċemplet biex tavża li kienet ma tiflaħx u li ser tattendi b'mod virtwali.

## 5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 4.1.3 (culverts) għalkemm kellhom jibdew bix-xogħolijiet kienu qed jistennew il-*clearance* minn naħa tal-*Heritage.* Huwa qal li sa issa kienu għamlu l-kuluri skont l-entitajiet u kien qed jittama li ma jdumux ma jibdew bix-xogħolijiet fil-viċin.

5.1.2 Is-Sindku qal li xtaq jiċċara li ref punt 4.1.6 (Ċentru Parrokkjali) kien ġie nfurmat li x-xogħolijiet ma kinux ser jibdew wara l-festa tal-Għid anzi kienet għad trid tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

5.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.2 (isem għat-triq paralella ma' Triq Stiefnu Erardi) fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla din it-triq tissemma *Triq Ta' Amparell.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tagħmel sens għaliex t-triq qegħda fl-istess akwata imsejħa *Ta' Amparell.*

5.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal ref punt 4.2.2 (numerar fi Triq in-Nassaba) dawn m'għandhomx isiru mal-plakka tal-isem taċ-ċeramika iżda ssir tabella apparti ma pole. Il-Kunsill qabel.

5.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.3 (talba għal żewġ bozoz) dawn kienu saru u l-lampa kienet inbiddlet biex issir *warm white.*

5.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.5 (*podium*) saritlu l-ħsara waqt li nġieb il-Kunsill. Is-Sindku kkonferma li l-fornitur kien ser jibdel il-parti fejn intlaqat (il-parti ta' quddiem) għalhekk staqsa lill-Kunsill dejjem jekk għadu ma lestiex ix-xogħol insaqsuh biex inżidu l-motto tal-lokal taħt l-istemma tal-Kunsill ie: *Sine Macula*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma jerġa' jsir jibgħatilna d-disinn ta' kif kien ser jiġi d-disinn tal-*podium.*

5.1.7 Is-Sindku qal ref punt 4.3.2 (*landscaping* Triq il-Kuċċard) il-ħaxix ħażin li kien hemm kien tneħħa u l-Kunsill kellu konferma li l-*landscaping* u l-manutenzjoni tal-istess triq ser jibqgħa jsiru mill-Kuntrattur il-ġdid. Is-Sindku qal li kien qed jitlob l-iskeda ta' kif ser jaħdem il-kuntrattur sabiex naraw li t-tisqija ssir skond l-iskeda.

5.1.8 Is-Sindku qal ref punt 4.4 (Jum Ħal Safi) ir-rikonoxximent lill-Maġistrat Dr Gianella Camilleri Busuttil ma ngħatax għaliex skont il-kodiċi tal-etika tagħhom il-Maġistrati ma jistgħux jaċċettaw rikonoxximenti.

5.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 4.3.9 (važka fil-playground) and 4.3.12 (*maintenance agreement* bandli) nistgħux ninkorporawhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tara mal-kuntrattur.

5.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 4.8 (approvazzjoni rotot ġodda Trasport Pubbliku 71 u 218) jekk it-trasport pubbliku kienx ser jgħaddu minn Triq Dun

Karm Lia. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li t-trasport pubbliku kemm ir-rotta mill-Belt direzzjoni lejn iż-Żurrieq kif ukoll ir-rotta miż-Żurrieq direzzjoni lejn il-Belt tar- rotot 71 u 218 kienu ser jgħaddu minn Triq il-Kuċċard u dritt lejn il-Belt jew inkella dritt lejn iż-Żurrieq.

**5.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.2.1 Is-Sindku qal li kien attenda laqgħa mal-Ispettur tal-'Community Police' flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Safi u tal-Imqabba. Is-Sindku spjega li Ħal Safi, Imqabba u Ħal Kirkop ser ikunu taħt ir-responsabbilta' tal-istess Surġent b'pulizija assenjat f'kull lokalita' u li kienu ser jibdew hekk kif jidħol ir-reklutaġġ il-ġdid fil-Korp. Is-Sindku ta spjegazzjoni kif kienet ser taħdem is-sistema tal-'Community Police', u li għal żmien temporanju l-Kunsill kien qed joffri l-użu tal-IT Room sakemm tkun rinnovata l-għassa tal-pulizija ta' Ħal Safi.

5.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 17 ta' April, flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla u l-*Contracts Manager* kienu attendew għal laqgħa rigward in-*New Water System* (ilma għat-tisqija għall-bdiewa). Il-Kunsill iddiskuta minn fejn kienet ser tgħaddi s-sistema u kif kienu ser jagħmlu użu tiegħu l-bdiewa.

5.2.3 Is-Sindku qal li s-Sibt ta' qabel il-laqgħa, fit-22 t'April 2023, fil-librerija kienet ġiet organizzata l-attivita' għal *World Book Day*. Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lil żewġ entitajiet li kienu tawna s-servizz b'xejn għal din l-attivita' kif ukoll lil żewġ awturi li ġew għall-okkażjoni u qraw siltiet għat-tfal matul din l-attivita' sabiħa. Is-Sindku kompla jispjega li kull min attenda ingħata ktieb bħala tifkira li tħallas mir-Reġjun Punent.

5.2.4 Is-Sindku qal li l-ġimgħa ta' qabel il-laqgħa, fil-21 t'April 2023, il-Kunsill kien laqa' delegazzjoni bil-proġett KA210-you-p4EUcitizenship ġewwa Ħal Safi. Is-Sindku qal fuq l-istess tema l-Kunsill kien irċieva tlett stediniet ta' parteċipazzjoni oħra, waħda għas-Slovakkia, oħra għall-Portugal u proġett ieħor għall-Greċja. Huwa spjega li l-proġett tas-Slovakkja diġa' kien ġie approvat filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu qed jiġu evalwati.

5.2.5 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera sabiex min kien interessat jattendi għat-tnedija tal-Viżjoni Strateġika tal-Kunsill Lokali li kellha ssir nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju, 2023 kellu jirreġistra. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla talbet li jekk jitqassam id-dokument forsi jkun jista' jgħaddi l-Kunsill.

5.2.6 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 26 ta' April, 2023 fl-10:00am kellha ssir l-inawgurazjoni tal-proġett ta' 'Ambjent Malta' fil-ġnien tal-iskola Primarja ta' Ħal Safi.

5.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva invit sabiex l-Kunsill jattendi għal laqgħa li ser issir minn *Projects Green* flimkien mal-Universita' ta' Malta rigward Ġnien Dun Karm Vella u min jixtieq jista' jattendi.

5.2.8 Is-Sindku spjega li kien irċieva invit mill-uffiċċju tal-Ministeru ta' Dr Aaron Farrugia għaliex kienu qed jerġgħu isiru diskussjonijiet dwar il-proġett ta' *Slow Streets*. Is-Sindku spjega li għal din il-laqgħa kien ser ikun hemm preżenti ukoll il-Ministru Dr Owen Bonniċi u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli. Is-Sindku qal li kien talab lill-Perit Dr Antoine Zammit biex jattendi flimkien miegħu biex huwa (il-Perit) ikun jista' jagħti rendikont aħjar x'kien ippropona l-Kunsill rigward *Slow Streets*. Is-Sindku spjega li diġa' kien avża li minħabba nuqqas ta' fondi, l-Kunsill kien waqqaf dan il-proġett u qal li wara l-istess laqgħa jekk ser ikun hemm xi tip ta' fondi biex isir il-proġett *Slow Streets*, dan il-punt jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5.2.9 Is-Sindku ressaq l-ittra ta' ftehim li kien ipprepara il-Kunsill sabiex tiġi ffirmata mill-Kunsill ta' Ħal Safi u l-Kunsill taż-Żurrieq minħabba x-xogħolijiet li kienu ser isiru madwar il-mitħna tax-Xarolla mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Is-Sindku qara l-ittra ta' ftehim, saret diskussjoni u l-Viċi Sindku Francis Callus u l-Kunsillier Publio Abdilla ma qablux mal-kliem 'il-parti kkontestata'. Is-Sindku spjega li l-kliem 'il-parti kkontestata' ifisser li ma kienx hemm qbil bejn iż-żewġ Kunsilli fuq żona partikolari u li l-ftehim bl-edba mod ma kien ifisser li l-Kunsill ta' Ħal Safi kien qed jaċċetta li dik iż-żona ma kienetx tiegħu. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li għandna nieħdu parir mingħand Nutar dwar l-istess kliem u qabel ukoll li dan il-ftehim għandu jsir b'att notarili quddiem nutar.

5.2.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill jirċieva diversi lmenti rigward karozzi abbandunati u li kien iċċekkja x'jista' jsir sabiex ikunu jistgħu jinġabru. Is-Sindku spjega li l-liġi tagħti l-Kunsill il-poter li jiġbor u jiddisponi minn karozzi abbandunati. Huwa ta d-dettalji tal-proċedura sabiex jinġabru l-vetturi abbandunati u kkonferma li ma kienx hemm spejjeż relatati ma dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu biss iwaħħal notifika mal-karozza abbandunata u wara ħmistax-il jum mill-avviż imwaħħal mal-'windscreen' jekk sidha ma jkunx neħħieha, l-Kunsill għandu jġib avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u hekk kif jgħaddi xahar bla ma tinġabar il-Kunsill javża sabiex persuna inkarigata tneħħi l-vettura minn fuq il-post. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nimxu ma dawn il-proċeduri.

5.2.11 Is-Sindku spjega li l-*outdoor library* li kellna l-bandli kienet ġiet ivvandalizzata u għalhekk il-Kunsill kien qalagħha. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nitolbu stima sabiex nirranġawha u wara nsibulha post addatat qrib il-Kunsill fejn tkun tista' tidher mill-cameras li għandna sabiex ma terġax tiġi ivvandalizzata.

5.2.12 Is-Sindku qal li rċieva lment minn persuna toqgħod Triq Dun Karm Lia li xi persuni kienu qed jipparkjaw fuq il-bankina bil-konsegwenzi li t-tappiera tad-dar tiegħu kull darba kienet qed tinkiser. Is-Sindku qal li din il-persuna kienet qed titlob permess sabiex

isiru żewġ bollards fuq il-bankina bejn il-pilastri tal-garaxx sabiex il-karozzi jsibuha diffiċli biex jipparkjaw. Is-Sindku kkonferma li din il-persuna kienet lesta tħallas l-ispejjeż għal dawn il-bollards. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ntuh il-parir li jagħmilha tal-ħadid.

5.2.13 Is-Sindku qal li Triq il-Kuċċard kienet saret ġiebja u kien qed jissuġerixxi li nitolbu permess lil *Transport Malta/Infrastructure Malta* jekk nistgħux nużawha għat-tisqija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li apparti li nitolbu l-permess lil Infrastructure Malta il-Kunsill seta' juża ukoll il-giebja ta'ż Misrah San Ġuzepp.

**5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

5.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li waqt is-serata' ta' Premju Onorifiċenza sar żball mhux intenzjonat fir-ringrazzjamenti għaliex is-Sur Brian Buġeja ma ġiex indirizzat bħala Maestro.

5.3.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal ukoll li l-Periti m'għandhomx jiġu ndirizzati bħala *doctor*. Saret diskussjoni fejn is-Sindku kkonferma li l-Perit li għamlilna l-istudju urban kellu filfatt id-Dottorat. Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar id-differenza bejn it-titlu ta' Dr. li jġorru l-avukati u t-titlu ta' Dr. li jġorr persuna li jkun kiseb dottorat mill-Universita' li huma differenti minn xulxin.

5.3.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kien sema' li l-gate l-kbira mad-*Detention Centre* kienet ser tibda tintuża bil-konsegwenza li ser toħloq periku għal min ikun nieżel minn Triq il-Karwija. Is-Sindku kkonferma li anki huwa kien sema' minn terzi persuni li ser jiġri dan. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nikkomunikaw mad-*Detention Centre* sabiex nesprimu l-preokupazzjoni tal-Kunsill.

5.3.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kienet avviċinatu persuna għaliex kellha l-garanzija tal-bankina miżmuma mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*Release* tal-garanzija bankarja għal din il-bankina kienet ġiet diskussa mal-Perit tal-Kunsill li mar jara x-xogħol u kien għadda s-suġġerimenti tiegħu lill-Perit tal-persuna konċernata. Huwa ssuġġerixxa li t-taraġ li ħareġ ftit fuq il-bankina jiġi rranġat jew inkella jitlob li jiġi *sanctioned* mal-*Planning Authority*. Wara li jsir dan il-Kunsill Lokali jkun jista' jagħti r-rilaxx tal-garanzija bankarja skont il-parir tal-perit tal-Kunsill.

5.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward it-tappieri li kien hemm jiċċaqilqu fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku kkonferma li kienu tranġaw.

5.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa x'kienet l-email b'tabella għal Triq il-Ħajt Ruman. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din intbagħtet għaliex bħala amministrazzjoni kellna dubbju kienx qiegħed sew il-ħin tal-parkeġġ riservat u jekk kellux jinbidel issa li kienet ser issir tabella ġdida. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li għalkemm mhux

suppost li saru bla ħin l-ħin, fuq it-tabella ġie indikat il-ħin bejn 4:00 u t-8:00pm u fl-ebda ħin ma jkun hawn nfurzar sabiex isir parkeġġ sew.

5.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li minn naħa ta' *Transport Malta* l-Kunsill kien irċieva biex jagħti data alternattiva sabiex issir laqgħa rigward SUMP u SULP. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tibghat data meta jkunu jistgħu jattendu għal din il-laqgħa.

5.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-approvazzjoni tat-*traffic management* issa kienet telgħet quddiem id-deputat CEO għalhekk iħoss li f'dan il-livell kellu jikkomunika s-Sindku. Saret diskussjoni u s-Sindku kkonferma li l-proposta tagħna kellha tidher waqt il-laqgħa li kellha ssir f'Mejju.

5.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm persuna f'xi każin li kellu bżonn CPR u tilef ħajtu. Huwa ssuġġerixxa li għalkemm diġa' kien sar kors kif jintuża c-CPR dan għandu jsir minn żmien għal żmien. Il-Kunsill qabel.

5.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-bank fejn l-*Bring in site* ta' Triq San Tumas kellu bżonn dawra. Il-Kunsill qabel.

5.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li persuna minn Triq Dun Ġużepp Caruana kien qed jissuġerixxi li ssir *sleeping policeman* f'din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistennew sabiex naraw kif kien ser jibda jaħdem it-traffiku meta jiġi approvat it-*traffic management.*

5.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm bżonn il-*patching* fi Sqaq tal-Palma. Il-Kunsill qabel.

5.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq San Gwann kien hemm parkeġġ li kellu bżonn jiġi rinfreskat. Il-Kunsill qabel.

5.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li s-siġar fi Triq it-Torri ta' Ġawhar, direzzjoni lejn il-ġnien Sir Alexander Ball tant kienu kibru li ħadd ma seta' jgħaddi minn taħthom.

5.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-għatu tal-bir fi Ġnien Sir Alexander Ball l-aħħar li kienu saru xi xogħolijiet inqala' u ma reġax twaħħal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu lill-ħaddiema jwaħħluh.

5.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li s-siġra tal-lewż fi Triq il-Menqa kellha bżonn tinżabar. Il-Kunsill qabel.

5.3.17 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Kunsill kien organizza t-transport għal pelleġrinaġġ mal-Kappillan għas-Salib tal-Għolja kif ukoll it-trasport għal mixja b'risq Puttinu f'Ħamis ix-Xirka.

5.3.18 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju, 2023 kien ser ikun hawn il-blood donation unit fil-pjazza.

5.3.19 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-bins taz-zona tal-Ħlantun kellhom bżonn jitbattlu. Is-Sindku kkonferma li dawn diġa' kienu tbattlu.

**5.3 Cirk: Numru SPI/SCI/05/2023 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Ċirkulari SPI/SCI/05/2023 Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri u spjegat li mit-2012 'l hawn Ħal Safi ma kien sar l-ebda proġett maġġuri mill-Gvern Ċentrali għalhekk il-Kunsill ma setax jibbenfika minn din l-inizjattiva.

**5.5 Cirk: Numru SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Ċirkulari Numru SPI/SCI/04/2023 Finanzjarjament ta' komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din l-inizjattiva l-Kunsill japlika sabiex jinbidlu c-CCTVs li għandna madwar il-binja tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku issekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5.6 Approvazzjoni Kuntratt Knis**

Is-Sindku spjega li l-bord tal-għażla għal kuntratt tal-Knis kien iltaqa' u li kienet saret l-evalwazzjoni għal dan il-kuntratt. Huwa qal li kienu intefgħu ħames offerti. Is-Sindku spjega li offerta waħda biss kienet kompletament *compliant,* filwaqt li tlett offerti oħra ma kinux *financially compliant* u offerta minnhom ma kienet *compliant* taħt l-ebda kriterju saħansitra lanqas prezz ma kien intefa'. Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku ssuġġerixxa li fuq suġġeriment tal-bord tal-għażla, l-Kunsill japprova l-uniku offerta *compliant* li kienet intefgħet. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.7 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

5.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7.50pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju, 2023 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |